VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,545, 11 ta' Marzu, 2016*
*Taqsima C*

# Nru. 147

11. 03. 2016

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Carmelo Abela, M.P., Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, f'isem il-Ministru għall-Finanzi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-8 ta' Marzu, 2016.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, Kap. 547.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Carmelo Abela, M.P., Minister for Home Affairs and National Security, on behalf of the Minister for Finance, and read the First time at the Sitting of the 8th March, 2016.

**AN ACT to amend the Participation within the Single Resolution Fund and granting of financial support under the Single Resolution Mechanism Act, Cap. 547.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, Kap. 547.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 547.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tat-titolu twil tal-Att prinċipali.

**2.** Fir-titolu twil tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "waqt il-perjodu transitorju qabel il-bidu fis-seħħ tar-Regolament dwar Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "waqt il-perjodu transitorju kif imfisser f'dan l-Att".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "Ftehim", minflok il-kliem "tal-14 ta' Mejju 2014" għandhom jidħlu l-kliem tal-21 ta' Mejju 2014"; u

(b) minnufih wara t-tfsira "Mekkaniżmu Superviżorju Uniku", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "perjodu ta' transizzjoni" tfisser il-perjodu mill-1

VERŻJONI ELETTRONIKA



ta’ Jannar 2016 u li jiskadi fid-data li fiha l-Fond jilħaq il-livell immirat iffissat fl-Artikolu 69 tar-Regolament dwar Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni jew sal-1 ta’ Jannar 2024 skont liema minnhom jiġi l-ewwel.".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

**3.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali, minflokm il-kliem "matul il-perjodu ta’ transizzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni, skont it-termini u l-kondizzjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "matul il-perjodu ta’ transizzjoni, skont it-termini u l-kondizzjonijiet".

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi hu biex jemenda l-Att dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni u l-għoti ta’ appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni b’dak il-mod li jiċċara l-perjodu ta’ transizzjoni li matulu l-Gvern ta’ Malta hu awtorizzat jidħol fi ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Participation within the Single Resolution Fund and granting of financial support under the Single Resolution Mechanism Act, Cap. 547.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Participation within the Single Resolution Fund and granting of financial support under the Single Resolution Mechanism (Amendment) Act, 2016 and this Act shall be read and construed as one with the Participation within the Single Resolution Fund and granting of financial support under the Single Resolution Mechanism Act, hereinafter referred to as the "principal Act". Short title. Cap. 547.

**2.** In the long title to the principal Act, for the words "during the transitional period before the entry into force of the Single Resolution Mechanism Regulation" there shall be substituted the words "during the transitional period as defined in this Act". Amends the long title to the principal Act.

**3.** Article 2 of the principal Act shall be amended as follws: Amendment of article 2 of the principal Act.

(a) in the definition "Agreement", for the words "of the 14th May 2014" there shall be substituted the words "of the 21st May 2014"; and

(b) immediately after the definition "Single Supervisory Mechanism", there shall be added the following new definition:

" "transitional period" means the period from the 1st January 2016 until the date when the Fund reaches the target level fixed in Article 69 of the Single Resolution

VERŻJONI ELETTRONIKA



Mechanism Regulation or 1 January 2024, whichever is earlier.".

Amendment of article 3 of the principal Act.

**3.** In sub-article (1) of article 3 of the principal Act, for the words "during the transitional period before the entry into force of the Single Resolution Mechanism Regulation, in accordance with the terms and conditions" there shall be substituted the words "during the transitional period, in accordance with the terms and conditions".

---

**Objects and Reasons**

The object of this Bill is to amend the Participation within the Single Resolution Fund and granting of financial support under the Single Resolution Mechanism Act in such manner as to clarify the transitional period during which the Government of Malta tis authorised to enter into the agreement on the transfer and mutualisation of contributions to the Single Resolution Fund.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**